

Linji Gwida dwar l-Identifikatur ta' Entità Ġuridika

INTRODUZZJONI

1. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010¹ l-EIOPA toħroġ dawn il-Linji Gwida riveduti dwar l-użu tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI).
2. Fir-reviżjoni tagħha tal-applikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-użu tal-LEI (EIOPA-BoS-14-026)², l-EIOPA kkonkludiet li dawn għandhom jiġu riveduti biex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, filwaqt li titqies ir-rilevanza li qed tevolvi u li qed tiżdied tal-LEI. Barra minn hekk, ir-reviżjoni għandha tissimplifika u taġġorna fejn rilevanti t-test tagħhom, bil-għan li tiffaċilita u tippromwovi aktar l-użu tal-LEI bħala kodiċi ta' identifikazzjoni uniku għall-entitajiet ġuridiċi taħt il-mandat superviżorju tal-awtoritajiet kompetenti.
3. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti.
4. Dawn il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2022 u għandhom iħassru u jissostitwixxu l-Linji Gwida dwar l-użu tal-LEI (EIOPA-BoS-14-026).
5. Dawn il-Linji Gwida jindirizzaw il-ħtieġa li jkun hemm LEI u jidentifikaw l-entitajiet ġuridiċi li għandu jkollhom LEI. Il-Linji Gwida ma jiddefinixxux meta għandu jintuża LEI. L-użu ta' LEI fir-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni se jiġi inkorporat fil-futur f'atti leġiżlattivi ġodda jew emendati.
6. Bħala parti mill-involviment tagħha fl-inizjattivi ta' standardizzazzjoni tad-*data*, b'dawn il-Linji Gwida l-EIOPA tkompli tappoġġa l-adozzjoni tas-sistema tal-LEI proposta mill-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB) u approvata mill-G20, li għandha l-għan li tikseb identifikazzjoni unika madwar id-dinja kollha tal-partijiet għal tranżazzjonijiet finanzjarji.
7. Il-Linji Gwida jkomplu jstabbilixxu Prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi billi jarmonizzaw l-identifikazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi sabiex jiżguraw *data* ta' kwalità għolja, affidabbli u komparabbli. Tali *data* tikkontribwixxi għal:
 - a) superviżjoni u sorveljanza aħjar tal-istituzzjonijiet finanzjarji kif ukoll għal titjib fil-politiki regolatorji u fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
 - b) l-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tas-setturi Ewropej tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet;
 - c) l-appoġġ għall-ħidma ġenerali tal-EIOPA dwar il-prevenzjoni tal-kriżijiet, l-istabbiltà finanzjarja, is-sorveljanza, il-politika u l-protezzjoni tal-konsumatur.
8. Użu usa' tal-kodiċi tal-LEI biex jiġu identifikati entitajiet ġuridiċi taħt superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri differenti jkun partikolarment ta' benefiċċju għall-klassifikazzjoni u l-aggregazzjoni tad-*data* minn entitajiet ġuridiċi li joperaw b'mod transfruntier, permezz ta' fergħat stabbiliti fi Stati Membri oħra jew permezz tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

² Il-Linji Gwida tal-EIOPA dwar l-użu tal-LEI (EIOPA-BoS-14-026), disponibbli fuq: https://www.eiopa.europa.eu/document-library/guidelines/guidelines-use-of-legal-entity-identifier_en.

9. Ir-regoli tal-LEI jippermettu identifikazzjoni mhux ambigwa tal-entitajiet ġuridiċi msemmija hawn fuq, filwaqt li jiġu evitati l-inkonsistenza u l-ambigwià tal-identifikazzjoni bil-kodiċijiet nazzjonali jew b'isimhom. Din il-kategorizzazzjoni ttejjeb il-kwalità u l-puntwalità tad-*data* aggregata fil-livell tal-UE u eventwalment tnaqqas il-piż tar-rapportar għall-entitajiet relaturi li joperaw b'mod transfruntier.

10. L-użu ta' kodiċijiet kondiviżi biex tinġabar u tiġi mxerrda d-*data* minn entitajiet ġuridiċi individwali se jiffaċilita wkoll ir-rabta ma' bażijiet ta' *data* differenti u ma' sorsi oħra ta' informazzjoni disponibbli fil-livell nazzjonali u internazzjonali.

11. Meta jitqiesu l-benefiċċji tal-LEI, l-entitajiet ġuridiċi bl-uffiċċju prinċipali fiż-ŻEE msemmija f'dawn il-Linji Gwida huma mħeġġa jirrikjedu LEI għall-fergħat tagħhom stabbiliti f'pajjiż terz u għall-entitajiet ġuridiċi ta' pajjiż terz u għall-impriżi mhux regolati li huma parti mill-grupp kif iddefinit fl-Artikolu 212(1)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE³.

12. Dawn il-Linji Gwida jikkonċernaw entitajiet ġuridiċi li huma taħt il-mandat superviżorju tal-awtoritajiet kompetenti. Bħala tali, il-Linji Gwida fil-prinċipju ma jikkonċernawx lill-persuni fiżiċi.

13. Madankollu, jeħtieġ li jiġi nnotat li *"l-individwi li jaġixxu f'kapaċità ta' negozju huma eliġibbli biex jiksbu l-LEIs, dment li jwettqu attività ta' negozju indipendenti kif muri mir-reġistrazzjoni f'reġistru tan-negozju, b'LEI wieħed biss maħruġ għall-istess verifiki individwali u adegwati li l-protezzjoni tad-*data*, il-privatezza jew ostakli oħra ma jipprevedux il-pubblikazzjoni tal-fajl tad-*data* tal-LEI attwali"*⁴.

14. Għalhekk, għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, f'każ li persuni fiżiċi jkunu intermedjarji li joperaw b'mod transfruntier fiż-ŻEE, dawn għandu jkollhom LEI.

15. Dawn il-Linji Gwida jqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) rigward l-identifikazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi⁵ (b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni B) fejn l-awtoritajiet rilevanti⁶ huma rrakkomandati li jirrikjedu jew, fejn applikabbli, jibqgħu jirrikjedu, li l-entitajiet ġuridiċi kollha involuti fi tranżazzjonijiet finanzjarji taħt il-mandat superviżorju tagħhom ikollhom LEI.

16. Dawn il-Linji Gwida jqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità u l-mandati legali.

17. Jekk ma jkunux definiti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini għandhom it-tifsira definita fid-Direttiva 2009/138/KE, fid-Direttiva (UE) 2016/2341⁷ u fid-Direttiva (UE) 2016/97⁸. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

³ Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibilità II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

⁴ LEI-ROC "Statement on individuals acting in a business capacity", disponibbli fuq: https://www.leiroc.org/publications/gls/lou_20150930-1.pdf.

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-24 ta' Settembru 2020 dwar l-identifikazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi (ESRB/2020/12), disponibbli fuq: [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32020Y1126\(01\)&qid=1606388881614&from=EN](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32020Y1126(01)&qid=1606388881614&from=EN).

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-24 ta' Settembru 2020 dwar l-identifikazzjoni ta' entitajiet ġuridiċi (ESRB/2020/12) (2020/C 403/01); Taqsima 2, Punt 1 - Definizjonijiet.

⁷ Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37).

⁸ Id-Direttiva (UE) Nru 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (riformulazzjoni) (ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19).

- a) LEI - L-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) huwa kodiċi b'20 karattru, alfanumeriku bbażat fuq l-istandard ISO 17442 żviluppat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO). Dan jgħaqqad ma' informazzjoni ta' referenza ewlenija li tippermetti identifikazzjoni ċara u unika tal-entitajiet ġuridiċi li jipparteċipaw fi tranżazzjonijiet finanzjarji. Kull LEI fih informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjieda ta' entità u għalhekk iwieġeb il-mistoqsijiet ta' "min huwa min" u "min huwa s-sid ta' min".
- b) GLEIF - Il-Fondazzjoni għall-Identifikatur Globali tal-Entitajiet Ġuridiċi (GLEIF), li ġiet stabbilita mill-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja f'Ġunju 2014, għandha l-kompitu li tappoġġa l-implimentazzjoni u l-użu tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI). Il-fondazzjoni hija ssorveljata mill-Kumitat ta' Sorveljanza Regulatorja tal-LEI u taġixxi bħala fergħa operazzjonali tas-Sistema tal-LEI Globali. Il-GLEIF hija organizzazzjoni supranazzjonali mingħajr skop ta' qligħ li għandha l-kwartieri ġenerali tagħha f'Basel, l-Iżvizzera.
- c) GLEIS - Sistema tal-LEI Globali li topera fi tliet livelli: Il-Kumitat għas-Sorveljanza Regulatorja tal-LEI (LEI ROC), il-GLEIF u l-Unitajiet Operazzjonali Lokali (LOUs).
- d) Il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB) u l-Grupp tal-Għoxrin (G20) approvaw il-LEI, il-GLEIF u l-GLEIS.
- e) LEI ROC – Il-Kumitat tas-Sorveljanza Regulatorja (ROC) huwa grupp ta' 69 awtorità pubblika bi sħubija sħiħa u 19-il osservatur minn aktar minn 50 pajjiż stabbilit f'Jannar 2013 biex jikkoordina u jissorvelja qafas dinji ta' identifikazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi, is-Sistema tal-LEI Globali.
- f) Emittenti tal-LEI – jiġifieri Unitajiet Operazzjonali Lokali (LOUs) li joħorġu l-kodiċijiet tal-LEI. L-LOUs huma l-utilitajiet approvati mill-ROC, jew akkreditati mill-GLEIF taħt is-sorveljanza tal-ROC, biex jipprovdu reġistrazzjonijiet tal-LEI lir-reġistranti u lil servizzi oħra. L-LOUs jipprovdu servizzi ta' reġistrazzjoni, tiġdid u servizzi oħra, u jaġixxu bħala l-punt ta' kollegament primarju għall-entitajiet ġuridiċi li jixtiequ jiksbu LEI.

Linji Gwida 1 – Kamp ta' applikazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi

18. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikjedu li mill-inqas l-entitajiet ġuridiċi li ġejjin taħt il-mandat superviżorju tagħhom ikollhom LEI:

- a) entitajiet ġuridiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE:
- (i) impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni. Il-fergħat stabbiliti fiż-ŻEE u li jappartjenu għal impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni b'uffiċċju prinċipali fiż-ŻEE jistgħu jużaw il-LEI tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni;
 - (ii) l-impriża omm apikali kif definita fl-Artikolu 215 tad-Direttiva 2009/138/KE, u l-impriżi kollha, ħliet l-impriżi mhux taż-ŻEE u l-impriżi mhux regolati, inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' grupp kif definit fl-Artikolu 212(1)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE;
 - (iii) kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni b'attività mħallta;
 - (iv) fergħat stabbiliti fiż-ŻEE u li jappartjenu għal impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni b'uffiċċju prinċipali f'pajjiż terz.
- b) Istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) irreġistrati jew awtorizzati f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/2341, li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (i) total tal-karta bilanċjali ta' aktar minn elf miljun euro; jew
- (ii) total tal-karta bilanċjali ta' aktar minn mija u inqas minn elf miljun euro u hija kklassifikata bħala waħda mill-akbar ħames IORPs f'termini tat-totali tal-karta bilanċjali fl-Istat Membru.

c) intermedjarji tal-assigurazzjoni, tar-riassigurazzjoni u tal-assigurazzjoni anċillari li jwettqu negozju transfruntier f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/97, sa fejn jaqgħu taħt il-mandat superviżorju tal-awtorità kompetenti.

Linji Gwida 2 - L-għoti ta' informazzjoni lill-EIOPA

19. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni mhux aggregata li jipprovdu lill-EIOPA dwar l-entitajiet ġuridiċi jew il-gruppi ta' entitajiet ġuridiċi taħt il-mandat superviżorju tagħhom, ikun fiha l-LEIs meħtieġa f'konformità ma' dawn il-Linji Gwida.

20. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw l-LEI, jekk disponibbli, biex jidentifikaw l-informazzjoni pprovduta lill-EIOPA dwar il-fergħat stabbiliti f'pajjiż terz u li jappartjenu għal impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni b'uffiċċju prinċipali li jinsab fiż-ŻEE.

Regoli dwar il-Konformità u r-Rappurtar

21. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010. F'konformità mal-Artikolu 16(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji huma meħtieġa jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet.

22. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jinkorporawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.

23. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew għandhomx il-ħsieb li jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mill-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.

24. Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi mar-rappurtar u jiġu rrapportati bħala tali.

Dispożizzjoni finali dwar ir-reviżjoni

25. Dawn il-Linji Gwida se jkunu soġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.